# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 760/15/1 LM**

**Anthony Micallef u Helen Taliana in rappreżentanza ta' u eżerċenti l-awtorità parentali fuq binthom minuri Shania Micallef**

**v.**

**Pierre Cuschieri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Pierre Cuschieri minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' April, 2019, li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi biex b'hekk iddikjarat li l-konvenut kien jaħti waħdu għad-danni kollha mġarrba mill-atturi, konsistenti fid-diżabilità permanenti li ġarrbet binthom minuri Shania

Micallef, b'riżultat tal-inċident illi seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013, waqt avveniment organizzat mill-istess konvenut ta' tiġrijiet taż-żwiemel u ponijiet. Il-konvenut ġie kkundannat iħallas l-ammont ta' €68,926.07 bħala danni lill-istess atturi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-7 ta' Awwissu, 2015, l-atturi, il-ġenituri tal-minuri Shania Micallef, li dak iż-żmien kellha erbatax-il sena, fissru li binthom weġġgħet serjament u ġarrbet diżabilità permanenti b'riżultat ta' inċident li seħħ nhar it-3 ta' Mejju, 2013 fil-korsa, ċjoè fit-trakka magħrufa bħala 'Il-Kwart ta' Mil' ġewwa Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa.

3. Ikomplu li l-inċident seħħ meta binthom kienet qiegħda tara tellieqa taż-żwiemel u ponijiet flimkien ma' ħuha Dylan Micallef u bosta persuni oħra, liema tellieqa kienet organizzata mill-konvenut. Jgħidu li waqt din it-tellieqa, il-minuri ntlaqtet minn żiemel ċjoè poni, bil-konsegwenza li hija ġiet imsabbta mal-art u b'hekk ġarrbet ġrieħi serji ħafna, tant illi kienet anke fil-periklu tal-mewt rikoverata fl-ITU tal-Isptar Mater Dei u llum hija tbati minn diżabilità permanenti.

4. L-atturi jgħidu li jidher li l-konvenut kellu polza ta' assigurazzjoni ma' Citadel Insurance p.l.c. li tkopri dan l-avveniment. Isostnu li l-

konvenut bħala l-organizzatur u l-persuna liċenzjata biex iżomm dan l-avveniment kien obbligat li jieħu ħsieb li jipprovdi għas-saħħa u s-sigurtà ta' dawk kollha li ħadu sehem fi u attendew għal dan l-avveniment, inkluż il-minuri Shania Micallef. Jgħidu li huwa bil-wisq ċar li l-konvenut naqas milli jwettaq dan l-obbligu u għalhekk l-inċident inkwistjoni seħħ biss minħabba nuqqasijiet, ħtijiet u tortijiet imputabbli lill-istess konvenut, u b'hekk huwa responsabbli għad-danni kollha mġarrba minnhom.

5. Jgħidu li huma sejħu lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha mġarrba minnhom permezz ta' ittra uffiċjali tal-14 ta' April, 2015 iżda huwa baqa' inadempjenti.

6. L-atturi għaldaqstant fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"(i) Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsistenti fid-debilità permanenti li nkorriet binthom minuri Shania Micallef b'riżultat tal-inċident illi seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013 waqt avveniment organizzat mill-intimat ta' tiġrijiet taż-żwiemel u ponijiet miżmum fil-korsa tal-Kwart ta' Mil f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa;*
>
> *(ii) Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u*
>
> *(iii) Tikkundanna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrenti d-danni kollha kif likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali Numru 1326/2015 datata 14 ta' April, 2015 u bl-imgħax legali kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni".*

7. Il-konvenut Pierre Cuschieri ma ppreżentax risposta maħlufa. Fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2016, l-Ewwel Qorti vverblizzat li għad li l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors maħluf, huwa naqas milli jippreżenta risposta maħlufa fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u għalhekk kellu jitqies li baqa' kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

8. Fid-deċiżjoni tagħha tal-10 ta' April, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi biex b'hekk iddikjarat li l-konvenut kien jaħti waħdu għad-danni kollha mġarrba mill-atturi konsistenti fid-diżabilità permanenti li ġarrbet binthom minuri Shania Micallef b'riżultat tal-inċident illi seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013, waqt avveniment organizzat mill-istess konvenut ta' tiġrijiet taż-żwiemel u ponijiet miżmum fil-korsa tal-Kwart ta' Mil f'Ħal Far. Il-konvenut ġie kkundannat iħallas l-ammont ta' €68,926.07 bħala danni lill-istess atturi, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

9. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*"**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>***

*F'kawżi ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid ssir mill-Qorti hija li tistabbilixxi jekk il-konvenut bħala l-persuna li organizza l-attività fejn sfat korruta Shania Micallef, għandux jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Jirriżulta li Shania Micallef ma kinitx l-unika persuna li weġġgħet waqt dan l-avveniment, fejn sfaw feruti wkoll żewġ persuni oħra, li wieħed minnhom sussegwentement tilef ħajtu.*

*Il-Qorti semgħet diversi xhieda jixhdu dwar il-fatt li m'hemm l-ebda*

*dubju li l-organizzatur ta' dan l-avveniment kien il-konvenut Pierre Cuschieri, li f'ismu nħarġet polza tal-assigurazzjoni sabiex tkopri dan l-avveniment, u kien hu li avviċina lill-Malta Drag Racing Association u talab permess sabiex ikun jista' juża t-trakka ta' Ħal Far għat-tlielaq taż-żwiemel. Kien Pierre Cuschieri wkoll li talab għall-preżenza ta' żewġ uffiċjali tal-Pulizija għal dan l-avveniment, u li kien identifikat bħala l-persuna li organizzat dan l-avveniment tant hu hekk il-Pulizija kienet tkellmet miegħu wara dan l-inċident. Xhieda okulari li kienu fuq il-post spjegaw kif il-livell ta' organizzazzjoni ta' dan l-avveniment ma kienx wieħed li jħares regoli bażiċi għas-sigurtà tal-persuni li kienu preżenti għal dan l-avveniment. Fattur ewlieni li ssemma prattikament minn kull xhud okulari kien li fil-post tal-inċident kien hemm ħafna dlam, u ma kien hemm l-ebda ushers jew persuni inkarigati biex jidderieġu lin-nies fejn għandhom joqgħodu sabiex jevitaw ir-riskju ta' xi inċident. Tant hu hekk fl-uniku ritratt li ttieħed waqt dan l-avveniment u li jinsab esibit, uħud min-nies li attendew jidhru saħansitra bilqiegħda fuq il-barriers tal-konkrit li tpoġġew fuq it-trakka, minkejja li dawn il-barriers kienu maħsuba biex jifirdu t-trakka fejn tellqu ż-żwiemel min-nies. Jidher li anki kjosk għall-bejgħ tal-ikel li kien hemm fuq il-post, intrama f'punt fejn evidentement żied il-periklu għan-nies li attendew għal dawn it-tlielaq, minħabba li nħolqot konċentrazzjoni ta' nies f'post viċin ħafna ta' fejn bdew itellqu l-bhejjem. Jirriżulta li l-barriers tal-plastik li tpoġġew mat-trakka ma kinux mimlija bl-ilma, u kuntrarjament għal dak li xehed Paul Pace, li dawn il-barriers tal-plastik minkejja li jkunu vojta xorta jifilħu għad-daqqiet tal-karozzi, il-Qorti tqis li s-sens komun jiddetta li ma jistax ikun li dawn il-barriers tal-plastik joffru l-istess livell ta' reżistenza u protezzjoni meta jkunu vojta daqskemm meta jkunu mimlija bl-ilma. Għalhekk il-Qorti tqis li din il-mankanza kienet waħda ferm sinifikanti u indikattiva tan-nuqqas ta' miżuri ta' protezzjoni u ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni li attendew għal dan l-avveniment. Il-Qorti semgħet ukoll diversi xhieda okulari jistqarru kif l-organizzaturi ma bdewx jagħtu ċans li tellieqa tieqaf u t-trakka tiżvojta miż-żwiemel u l-ġerrejja qabel tibda t-tellieqa ta' wara. B'hekk kompliet tiżdied il-konfużjoni f'post li kien diġà qiegħed joħloq ċerti diffikultajiet għax kien mudlam u għax kienet l-ewwel darba li dan il-post minflok għat-tlielaq bil-vetturi kien qiegħed jiġi użat għat-tlielaq tal-bhejjem mingħajr ma ttieħdu ebda prekawzjonijiet neċessarji. Agħar minn hekk ma kien hemm ħadd jidderieġi lin-nies fejn l-aħjar li joqogħdu, tant li kemm mix-xhieda kif ukoll mir-ritratt esibit, jidher ċar li n-nies tħallew ipoġġu fuq il-barriers tal-konkrit li suppost kellhom iservu bħala protezzjoni għan-nies.*

*Il-Qorti kkunsidrat li fis-sistema legali tagħha kull persuna hi mistennija li twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha[1], u jitqies li jkun fi ħtija kull min jonqos li juża d-diliġenza, prudenza u ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja.[2] Barra minn hekk jitqies li hu fi ħtija kull min jindaħal għal xogħol jew servizz u jikkawża ħsara lil ħaddieħor minħabba fin-nuqqas ta' ħila tiegħu.[3] Huwa ċar li l-konvenut bħala organizzatur ta' dan l-avveniment,*

[1] L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili.
[2] L-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili.
[3] L-artikolu 1038 tal-Kodiċi Ċivili.

*naqas li jieħu imqar prekawzjonijiet bażiċi sabiex jassigura s-sigurtà u s-saħħa tal-persuni li attendew għal dan l-avveniment. Dan għaliex il-konvenut naqas milli jiżgura li l-ispettaturi jkunu f'żona sikura u segregata minn fejn kienu qegħdin isiru t-tlielaq, permezz ta' barrikati sodi u effettivi, għaliex jidher ċar li l-barrikati li kien hemm fuq il-post tqiegħdu hemm biss għad-dehra u mhux bħala mezz effettiv għall-ħarsien tal-ispettaturi. Inoltre waqt l-imsemmi avveniment, il-konvenut ma ħax ħsieb li fuq il-post tal-inċident ikun hemm stewards u persuni inkarigati mis-sorveljanza li jagħtu direzzjoni lill-pubbliku, bl-uniku uffiċjal tal-Pulizija li kien preżenti li kien għassa mad-dħul u mhux ġewwa t-trakka. Dan kollu apparti ukoll in-nuqqas ta' dawl u ta' senjaletika effettiva fuq il-post tal-inċident, li komplew żiedu mas-sens ta' diżorganizzazzjoni fl-avveniment imsemmi. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li huwa evidenti li r-responsabbiltà għal dak kollu li nqala' waqt l-avveniment imsemmi għandu jġorrha unikament il-konvenut minħabba f'dawn id-diversi nuqqasijiet serji fil-organizzazzjoni tal-imsemmi avveniment.*

*Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut għall-inċident mertu tal-kawża, ikun fadal li l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-minuri Shania Micallef, kemm għal dawk li huma danni materjali (damnum emergens), kif ukoll fir-rigward tat-telf ta' qligħ futur (lucrum cessans) li l-vittma għadha tista' ssofri minħabba fid-diversi debilitajiet ta' natura permanenti li hija ġarrbet.*

*Damnum emergens:*

*Mill-irċevuti esibiti mill-atturi, jirriżulta li d-danni materjali li huma kellhom jagħmlu tajjeb għalihom konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża jammontaw għal tlett elef, ħames mija u disgħa u ħamsin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€3,559.94).[4]*

*Lucrum cessans:*

*F'sentenza fl-ismijiet* ***Emmeline Cini v. Antione Cachia***[5]*, il-Qorti qalet:*

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."*

*Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet* ***Paul Debono v. Malta Drydocks***[6]*, ġie stabbilit illi:*

[4] Irċevuti *a fol 79-89* u *a fol. 195-204* tal-proċess.
[5] P.A, 18.02.2013.
[6] P.A, 27.04.2005.

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

*F'dan il-każ jirriżulta li l-vittma tal-inċident, Shania Micallef, kellha tnax-il sena dakinhar li seħħ l-inċident, u kienet għadha studenta. Jirriżulta wkoll minn dak li kkonstataw l-esperti mediċi li xehdu fil-kawża u li lkoll b'xi mod jew ieħor kellhom sehem attiv fil-kura ta' Shania Micallef, li għall-kumplament ta' ħajjitha hija ser tibqa' ssofri minn tliet debilitajiet prinċipali. Mr Briffa kkonstata li għall-farretti li Shania Micallef sofriet f'wiċċha, hija sofriet debilità permanenti ta' 4%. Mr Borg Xuereb ikkonstata li għall-ksur estensiv li sofriet f'rasha, Shania Micallef sofriet debilità permanenti ta' 8%, filwaqt li Dr Mark Xuereb ikkonstata li d-debilità psikoloġika permanenti minħabba l-imsemmi inċident hija ta' 20%. Il-Qorti tqis li jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet* **Brian Micallef v. Brian Tyre Services et**[7] *, fejn ġie ritenut illi:*

*"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (***Cassar Pullicino noe et v. Xuereb et,** *App. 20.02.2009)."*

*Skont il-formula matematika stabbilita għall-komputazzjoni ta' tali weighted average*[8]*, din twassal għal rata ta' 23.2% li għall-finijiet ta' prattiċità qiegħda tiġi aġġustata għal 24%, u għalhekk qiegħed jiġi stabbilit li dik hi r-rata ta' diżabilità permanenti sofferta minn Shania Micallef konsegwenza tal-imsemmi inċident. Shania Micallef kienet għadha studenta l-iskola fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, u għalhekk il-Qorti ser tieħu bħala indikazzjoni tas-salarju tagħha il-paga minima nazzjonali għal persuni li jkunu għadhom m'għalqux l-età ta' sbatax-il sena fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, li kienet ta' €7,933.64 (dħul gross) jew €7,140.28 (dħul nett wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà*

---

[7] 31.01.2014.

[8] Ara Regolament 3 tad-*draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity - "Assessment Regulations"* tal-2010 maħruġa mill-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja:

(100-M) x m
---------------- +M
100

'M' tirrappreżenta l-ogħla rata ta' diżabilità.

'm' tirrappreżenta l-aktar rata baxxa ta' diżabilità.

*Soċjali).*

*F'każ pjuttost riċenti fl-ismijiet* ***Joseph Zammit v. Joseph Bonello***[9]*, il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:*

> *"Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler v. Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa multiplier system, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et**', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbiddlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'**Butler v. Heard**. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona v. Asphar'**, Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi v. Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà (**Francis Sultana v. John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."*

*Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-multiplier, li fis-sentenza fl-ismijiet* ***Paul Vassallo et noe v. Carmelo Pace***[10] *mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ġie stabbilit li hu:*

> *"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-chances and changes of life*
>
> *Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqisx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."*

*Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu*

[9] P.A, 25.02.2016.
[10] 05.03.1986.

*jkun il-multiplier massimu tenut kont l-età tal-individwu, u f'każ ta' minuri ġie indikat li l-multiplier għandu jkun ta' 40. Is-salarju bażiku li qiegħed jiġi stabbilit li l-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ ta' Shania Micallef għandha tinħadem fuqu għas-sena 2013, għandu jiġi aġġustat skont ir-rata tal-inflazzjoni għas-snin kollha tal-multiplier*[11]*, sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul medju ta' €7,140.28 + €9,882.15 / 2 = €8,511.21.*

*L-evolviment ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti fir-rigward tal-komputazzjoni li trid issir, li jitnaqqas 20% tal-lump sum payment stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien tal-proċeduri. Fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Agius et v. All Services Ltd***[12] *, ġie ritenut mill-Qorti illi:*

> *"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

*Madankollu f'dan il-każ il-Qorti tqis li ma kienx hemm tali dewmien, għajr għad-differimenti li ntalbu fil-bidu tas-smigħ tal-kawża meta l-partijiet kienu qegħdin jesploraw il-possibiltà ta' tranżazzjoni, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser tipprovdi għal ebda tnaqqis mill-imsemmija 20% għal-lump sum payment.*

*Għalhekk is-somma kif likwidata bħala lucrum cessans hi - €8,511.21 x 40 (multiplier) = €340,448.60 x 24% diżabilità = €81,707.66 - 20% (lump sum payment) = €65,366.13, li magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attur, jammontaw għal €68,926.07 (tmienja u sittin elf, disa' mija u sitta u għoxrin Euro u seba' ċenteżmi)".*

10. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq fit-30 ta' April, 2019 b'żewġ aggravji.

11. L-atturi wieġbu permezz tar-risposta tagħhom tat-18 ta' Mejju, 2023

[11] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet ***Joseph Galea v. Charles Fenech pro et noe***, il-Qorti stabbilit illi, "*Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier.*" Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

[12] P.A, 02.06.2005.

u taw ir-raġunijiet għala r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud.

12. Inżamm smigħ fil-15 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Illi din il-kawża hija dwar inċident li seħħ nhar it-3 ta' Mejju, 2013, waqt avveniment li sar f'korsa tat-tlielaq tal-karozzi ġewwa Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa, meta waqt tlielaq taż-żwiemel, fost oħrajn, il-minuri Shania Micallef intlaqtet minn poni bil-konsegwenza li sofriet diżabilità permanenti. L-atturi jsostnu li dan l-avveniment organizzah il-konvenut, li skonthom naqas mid-dover tiegħu li jagħmel ċert li s-saħħa u s-sigurtà ta' kull min jipparteċipa u jkun preżenti jkunu mħarsa. Għalhekk skont l-atturi, il-konvenut għandu jinstab responsabbli għad-danni mġarrba minn binthom.

14. Qabel ma' din il-Qorti tirreferi għall-prinċipji legali li għandha żżomm quddiem għajnejha f'kawża bħal dik tal-lum, se tgħaddi qabelxejn billi tqis l-ewwel aggravju tal-konvenut.

15. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>**, il-konvenut sostna li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla u bla effett minħabba n-nuqqas ta' integrità ta'

ġudizzju, u dan għaliex ma ssejħux fil-kawża Paul Pace bħala President, Marlon Mifsud bħala Segretarju u Joseph *sive* Joe Farrugia bħala kaxxier tal-Malta Drag Racing Association (kif kienu oriġinarjament imsejħa fl-ittra uffiċjali) jew is-sewwieq taż-żiemel li sfratta u li kien responsabbli għall-inċident li seħħ.

16. Jgħid li skont il-ġurisprudenza tagħna, in-nuqqas ta' sejħa ta' persuna li hija meħtieġa għall-integrità tal-ġudizzju, jew li għandha interess tkun parti fil-kawża jwassal għan-nullità tal-proċeduri, anke jekk il-partijiet infushom ma staqsewx għas-sejħa fil-kawża. L-appellant jisħaq li hija l-Qorti stess li għandha tordna s-sejħa fil-kawża *ex officio* f'dawk iċ-ċirkostanzi meħtieġa.

17. L-appellant jgħid li f'din il-kawża kellu jiġi msejjaħ fil-kawża kemm is-sewwieq taż-żiemel, kif ukoll xi rappreżentant minn Malta Drag Racing Association, u dan minħabba żewġ raġunijiet fundamentali. Fl-ewwel lok jgħid li anke kieku għall-grazzja tal-argument seta' jinxteħet xi tort fuqu, it-tort tal-inċident inkwistjoni ma kienx biss tiegħu iżda kien attribwibbli lil terzi persuni, fosthom b'mod speċjali lis-sewwieq taż-żiemel li kien huwa li kkawża l-inċident u lil xi rappreżentant minn Malta Drag Racing Association li pprovdew il-lok fejn sar l-avveniment. Isostni li l-Ewwel Qorti lanqas biss ikkonsidrat dan l-argument u bħal donnha waqfet biss fuq il-fatt li l-appellant kien l-organizzatur, u allura kien biss huwa li jaħti mentri

hija kellha tistħarreġ ukoll jekk kienx hemm persuni oħra li kienu responsabbli għall-inċident bħalma kien is-sewwieq taż-żiemel li sfratta, li kkaġuna din il-kommossjoni kollha u qala' l-inkwiet minħabba nuqqas ta' ħila fis-sewqan tiegħu taż-żiemel. Iżid li fil-kawża kienet ukoll meħtieġa l-preżenza ta' rappreżentant tal-Malta Drag Racing Association li pprovdew il-lok ta' fejn seħħ l-avveniment.

18. Jagħlaq billi jgħid li billi s-sejħa fil-kawża tista' ssir biss fil-Qorti tal-Ewwel Grad, din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkun tista' ssir is-sejħa fil-kawża.

19. Illi l-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi qalu li huwa legalment fieragħ u għandu jiġi miċħud. Jgħidu li kienet diskrezzjoni tagħhom li jippreżentaw azzjoni kontra l-konvenut bħala l-persuna responsabbli mill-avveniment fejn seħħ l-inċident li ta lok għad-danni billi kienu n-nuqqasijiet tiegħu li wasslu għall-ħsara fuq binthom. Meta jiġu eżaminati t-talbiet attriċi bilfors wieħed jikkonkludi li l-ġudizzju jkun limitat għall-eżami tal-aġir tal-konvenut u xejn iżjed. Iżidu illi li kieku l-Ewwel Qorti ħasset li l-konvenut ma kellux iwieġeb waħdu setgħet laqgħet it-talbiet attriċi limitatament billi apporzjonat biċċa mit-tort lill-konvenut u ħalliet il-kumplament impreġudikat. Bl-istess mod jekk l-appellant iħoss li t-terzi msemmija minnu kellhom xi responsabilità għal li ġara seta' jmexxi kontrihom legalment, iżda ma jirriżultax li huwa għamel hekk. Għalhekk l-

appellati jsostnu li jekk dan l-aggravju jintlaqa' u l-atti jiġu mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti jkun ovvju li din ma tkun xejn aktar minn strateġija biex l-appellant jiftaħ l-istadju tal-provi mill-ġdid u b'xi mod jinqeda bit-terzi biex jipprova jeħles mir-responsabilità u jsewwi l-inattività totali tiegħu fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti.

20. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wieħed fieragħ. Jeħtieġ qabelxejn iżda li jiġu msemmija xi punti. Huwa minnu li l-**Artikolu 961 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li s-sejħa fil-kawża ta' terz tista' ssir biss fil-Qorti tal-Ewwel Grad.

21. Tajjeb jingħad li hekk kif ġie mtenni minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Diċembru, 2009 fl-ismijiet ***Stephen Francica v. Mary Rose Francica***, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju hija eċċezzjoni ta' natura dilatorja (***George u Miriam konjuġi Borg et v. Paola Tabone***, Qorti tal-Appell, deċiża fid-9 ta' Ottubru, 2009; ara wkoll is-sentenza ***Marthese Briffa v. Victor Attard***, Prim'Awla, deċiża fis-27 ta' Novembru, 2003). Din l-eċċezzjoni trid tingħata *in limine litis* u għalhekk japplika l-**Artikolu 728 tal-Kap. 12**.

22. Il-konvenut appellant ma ressaqx din l-eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tiegħu u mill-atti ma jirriżultax li sar rikors mill-konvenut appellant sabiex il-Qorti tippermetti li ssir din l-eċċezzjoni fit-termini tas-**subartikolu**

**(2) tal-Artikolu 728**. Jingħad ukoll li madankollu, il-Qrati tagħna tennew li l-liġi ma tikkomminax in-nullità tal-atti minħabba n-nuqqas ta' taħrik ta' terz interessat. Kieku ma kienx hekk il-każ ma kien ikun hemm qatt lok għall-intervent fil-kawża "*in statu et terminis*" f'kull waqt tagħha, anke fl-istadju tal-appell jew għas-sejħa fil-kawża ta' persuna (ara ***Vincent Agius pro et v. Mario Borg et***, Prim'Awla, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003; u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-27 ta' April, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Stephanie Pisani v. Jason Scicluna***).

23. Ta' rilevanza huwa dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Zest Promotions Ltd et v. Noel Magri***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), deċiża fit-23 ta' Ġunju, 2004, *«Kwantu għall-ewwel aggravju jiġi osservat illi kieku l-każ kien kif prospettat mill-appellant, l-eħfef soluzzjoni għalih kienet dik li jitlob is-sejħa fil-kawża tal-membri l-oħra tal-bord organizzattiv u mhux joqgħod passiv biex minn fuq jippretendi li din il-fakoltà teżerċitaha l-Qorti minfloku. Huwa veru li skont l-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 il-Qorti kienet fakoltizzata tikkjamahom fil-kawża anke mingħajr ebda talba da parte tal-konvenut. Dan però jissuċċiedi fil-każ li l-Qorti tirrikonoxxi n-neċessità ta' sejħa bħal din għall-integrazzjoni u ekonomija tal-ġudizzju. F'dan il-każ iżda l-ewwel Qorti, bir-raġun, aċċertat ruħha fuq ir-riżultanzi proċesswali illi l-membri l-oħra la kellhom interess fil-meritu u ma kienux persuni idonei li setgħu jintlaqtu, avversament jew le, bl-eżitu tal-kawża.»*

24. Ta' interess ukoll dak li kkonkludiet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet ***Avukat Peter Caruana Galizia et v. Yorgen Fenech et*** li:

> *"Huwa l-attur li jrid jiddeċiedi lil min irid iħarrek għad-danni li allegatament ikun sofra, u jekk irid iħarrek lill-persuna waħda minn aktar, il-konvenut ma jistax jitlob li l-każ jinfetaħ biex jinkludi persuni oħra li skont hu kienu parti fl-aggressjoni. Il-konvenut jista', jekk irid, jipprova jitfa' r-responsabbilità fuq terzi minnu indikati, u l-Qorti tkun tenuta teżamina dik id-difiża u jekk issib li l-konvenut ikollu raġun, tista' tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, però l-konvenut ma jistax jipprova jgħaddi t-tort fuq terz meta l-attur ma jridx dan.*
>
> *Il-Qorti tqis li l-liġi tħalli għalkollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. "Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob" –* ***Xuereb v. Borg et,*** *deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2019. F'din il-kawża, l-atturi jisħqu li huma biss il-konvenuti li personalment għandhom iwieġbu għat-talbiet tagħhom, u m'għandhomx jiġu mġiegħla jipproċedu kontra persuni oħra li huma ma ħarrkux".*

25. Fil-każ tagħna terġa' u tgħid Pierre Cuschieri kien kontumaċi billi għalkemm notifikat ma ppreżentax risposta maħlufa. Jirriżulta li fis-seduti kien jidher regolarment avukat li kien qiegħed jirrappreżentah. Din il-Qorti tinnota li għalkemm l-appellant ingħata l-jedd, skont il-liġi, li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet wara li tiġi preżentata n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi huwa ma ppreżenta ebda nota. Lanqas ma jirriżulta li l-konvenut ipprova jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti jew quddiem din il-Qorti u dan preżumibilment jew għaliex ma kellux raġunijiet validi sabiex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu, jew għaliex ma kienx interessat li jressaq il-provi tiegħu.

26. Il-konvenut għandu raġun isostni li l-kontumaċja ma tistax titqies bħala ammissjoni ta' fatti allegati, anzi għandha titqies bħala kontestazzjoni tagħhom. Fuq ix-xaqliba l-oħra iżda ma jistax ma jingħadx li huwa komdu li f'dan l-istadju, wara li l-konvenut għażel li jkun spettatur, jistenna l-eżitu tal-kawża biex imbagħad joħroġ mill-kappell difiża, illi li kieku kien diliġenti fl-aġir tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, seta' jressaqha *in limine litis* u mhux joħroġ b'dan l-argument fl-istadju tal-appell.

27. Fuq kollox għall-argument tal-appellant li xeħet l-obbligu fuq il-Qorti li ssejjaħ fil-kawża t-terzi msemmija minnu, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar, 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Fiorino D'Oro v. Direttur tat-Toroq*** qalet li: «*Għalkemm huwa veru li l-kjamata in kawża tista' ssir anke mill-Qorti marte proprio, ebda waħda mill-partijiet ma għandha d-dritt tippretendi li l-Qorti tieħu l-inizjattiva biex titutela d-drittijiet tagħha.*» Il-Qorti kompliet billi rreferiet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Diċembru, 1998 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et*** fejn kien intqal li:

> *"Jekk il-konvenut appellant [li] kellu kull interess li jiddefendi l-jeddijiet tiegħu kontra terzi naqas li, b'solerzja doveruża, hekk jagħmel, ma jistax jippretendi illi tkun il-Qorti li tħares u tittutela l-interessi tiegħu. Hu minnu li l-Qorti tista' wkoll sua sponte tordna l-kjamata fil-kawża fil-proċeduri quddiemha jekk jidhrilha li dan hu meħtieġ għall-integrità tal-ġudizzju jew biex il-meritu jiġi epurat fil-konfront tal-partijiet kollha interessati. Tali dritt tal-Qorti, però, bl-ebda mod ma għandu jiġi kkunsidrat bħala xi obbligu fuqha illi tħares l-interessi tal-kontendenti. Dan għandhom jagħmluh il-partijiet infushom u fin-nuqqas, min jonqos, jista' biss jinkolpa lilu nnifsu u jbati l-konsegwenzi inevitabbli. Id-dover tal-Qorti hu biss li tassigura l-korrettezza fil-kondotta tal-proċedura quddiemha u li tagħti l-kontendenti l-opportunità ta' smigħ ġust u xieraq*

> *biex jiddefendu ruħhom bil- mezzi li ttihom il-liġi fosthom dik ukoll li jitolbu, meta ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jiġġustifikaw, il-kjamata fil-kawża ta' terzi persuni interessati".*

28. Lil hemm minn dan kollu jirriżulta li anke legalment l-appellant m'għandux raġun billi l-mod kif huwa miktub ir-rikors maħluf u t-talbiet, dan idur madwar l-allegazzjoni li kien hemm nuqqas ta' ħarsien tas-saħħa u sigurtà fil-lok ta' fejn saret it-tiġrija. M'hemm l-ebda talba li b'xi mod hija diretta lejn is-sewwieq taż-żiemel li laqat lill-minuri u lanqas lejn min għandu f'idejh u jew jamministra l-lok.

29. Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud billi mhux siewi.

30. Illi permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>**, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi mressqa quddiemha. Wara li kkwota fit-tul dwar il-mod ta' kif qorti ċivili għandha tgħarbel il-provi, tenna li billi huwa kien kontumaċi ma jfissirx li dik kienet ammissjoni tal-fatti, anzi skont il-ġurisprudenza hija meqjusa bħala kontestazzjoni. B'hekk il-kontumaċja tiegħu ma ħelsitx lill-atturi mill-ħtieġa li jressqu provi tal-fatti li fuqhom hija mibnija t-talba tagħhom.

31. L-appellant jgħid li mill-provi ma rriżultax ċar li huwa naqas milli jeżerċita l-prudenza u d-diliġenza ta' missier tajjeb ta' familja fl-organizzazzjoni tal-attività. Jgħid li l-fatti tal-każ ma jħallux dubju li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għall-inċident, partikolarment billi

jisħaq li dan l-inċident ġara minħabba li sfratta żiemel u baqa' dieħel fin-nies preżenti. Barra minn hekk, f'dan l-avveniment kien hemm bosta mezzi ta' sigurtà u ħwejjeġ oħra fosthom żewġ pulizija, polza tal-assigurazzjoni, *barriers* sabiex iħarsu lin-nies minn fejn kienu se jsiru t-tiġrijiet u għaldaqstant l-appellant wera li huwa mexa bħal missier tajjeb tal-familja fl-organizzazzjoni tal-avveniment hekk kif meħtieġ mil-liġi.

32. Jgħid ukoll li l-inċident sar fil-fatt mhux minħabba n-nuqqas ta' sigurtà provduta dakinhar tat-tiġrijiet iżda minħabba li l-vittma kienet waħedha mingħajr ma kienet akkumpanjata mill-ġenituri u ma kinitx wara l-*barriers* iżda kienet kważi fit-trakka, bir-riżultat li meta sfratta ż-żiemel, dan laqatha u ma ġarax kif allegat li ż-żiemel qabeż il-*barriers*.

33. Jagħlaq billi jgħid li bla ħsara għal dak li qal, jekk il-Qorti tqis li l-appellant kien responsabbli għal dan l-inċident huwa m'għandux jinstab li kien huwa biss li kellu ħtija għal dak li ġara, billi kien hemm fatturi oħra li kkontribwixxew, ċjoè n-nuqqas ta' prudenza u attenzjoni mill-vittma u l-fatt li huwa ħa ħsieb jieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex ma jseħħux inċidenti bħal dak tal-lum, u fuq kollox isostni li l-fatt li ż-żiemel sfratta ma kienx tort tiegħu.

34. Fl-aħħar nett, fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2023 ġiet eżebita s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Ottubru, 2022 fil-proċeduri fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Pierre Cuschieri et*** minn fejn jirriżulta li l-imputat ma nstabx ħati li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna l-mewt ta' Michael Zammit u offiża ta' natura gravi fuq Shania Micallef. L-appell minn din is-sentenza għadu pendenti.

35. L-atturi wieġbu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-Ewwel Qorti għarblet sew il-provi li kellha u waslet għall-konklużjoni t-tajba. Jisħqu li l-preżenza taż-żewġ pulizija u l-ħruġ tal-polza tal-assikurazzjoni m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' prekawzjonijiet sabiex jiġi evitat inċident bħal dak li seħħ. Il-polza tal-assikurazzjoni toħroġ biex suppost tagħmel aktar faċli r-riżarċiment tad-danni, u l-preżenza tal-pulizija kienet biex jinżamm il-bon ordni.

36. Għall-argument min-naħa tal-appellant li l-minuri kellha tort għal dak li ġara, l-appellati jsostnu li l-minuri marret tara t-tiġrijiet ma' familtha u ħbieb. Mhux minnu li hija kienet qiegħda tiġġerra fit-trakka, iżda hija kienet mal-bqija tal-ispettaturi wara l-*barriers*. Jgħidu li din is-sottomissjoni min-naħa tal-appellant hija għalkollox gratuwita, m'hemm l-ebda prova li tagħtih raġun u hija kundannabbli għaliex minflok refa' r-responsabilità tiegħu, qiegħed jipprova jixħet it-tort fuq il-vittma.

37. Kif inhuwa fid-dmir tagħha illi tagħmel, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża u qiegħda tasal għall-istess fehma li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

38. Ibda biex, il-konvenut appellant jargumenta tajjeb li l-istat ta' kontumaċja tiegħu ma jfissirx ammissjoni u ma jfissirx li l-atturi ma kellhomx jippruvaw il-każ tagħhom. Tant huwa hekk li: *«kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qiegħed jintalab mill-parti attriċi; għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-**artikolu 158** bl-**Att XXIV tal-1995** jidher li jtenni din il-fehma»* (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru, 2000 fil-kawża fl-ismijiet ***Edwin Bonello v. Anne Jenkins ġà Zarb****).*

39. Hekk imbagħad fis-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Development Corporation V. H.P. Cole Limited*** tenniet: *«Illi m'hemmx għalfejn jingħad li l-kontumaċja m'hijiex waħedha stqarrija tat-talba attriċi iżda hija meqjusa bħala kontestazzjoni għaliha u s-skiet tal-konvenut f'kawża ma jeħlisx lill-Qorti mid-dmir li tgħarbel kif jixraq l-atti kollha tal-kawża u twettaq ħaqq mal-partijiet.»*

40. Din il-Qorti tqis li minn qari tas-sentenza, l-Ewwel Qorti ma qisitx il-

kontumaċja tal-konvenut bħala xi ammissjoni. Pjuttost bil-maqlub.

41. Meqjus dan, induru għal dak li huwa l-mertu tat-tieni aggravju tal-appellant fejn fi ftit kliem qiegħed isostni li huwa ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà; u fuq kollox jisħaq li jekk iż-żiemel sfratta dan ma kienx tort tiegħu u li Shania Micallef ma kinitx flimkien mal-ġenituri tagħha u li hija ma kinitx attenta biżżejjed għaliex ma kinitx miexja wara l-*barriers* iżda kienet kważi fit-trakka.

42. Hi dispożizzjoni espliċita tal-**Kodiċi Ċivili** f'materja ta' danni akwiljani illi, «*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*» (**Artikolu 1031**). L-istess Kodiċi jissokta jippreċiża illi l-ħtija tissussisti f'min «*ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*» [**Artikolu 1032(1)**]. Hu, però magħruf sew dottrinalment, sew fil-ġurisprudenzja, illi biex ikun hemm lok għad-danni hu imprexxindibilment meħtieġ li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża. Hekk jinsab affermat illi, «*perché possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante*» (ara s-sentenza tal-Appell Kummerċjali tas-6 ta' Frar, 1928 fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanni Sarè v. Carmelo Farrugia et***; u dik tal-Qorti tal-Appell

(Inferjuri) tas-17 ta' Ottubru, 2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Deguara v. Joseph Olivier Ruggier nomine et***).

43. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-1 ta' Marzu, 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Airconditioning Systems Limited v. Norman Zammit*** li, *«Il-Kodiċi Ċivili tagħna ma jikkontjeni ebda tifsira ta' x'inhu ness ta' kawżalità. Jgħid biss li «kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu» (Artikolu 1031) li, indiskriminatament, huwa applikat mill-Qrati anke għal rapporti kontrattwali. Hu però elementari, tirrileva s-sentenza a Vol. XLI P II p 800, fuq it-tagħlim tal-Fadda (Giurisprudenza sul Codice Civile", Vol. V, paġna 721), illi: «per dare luogo a responsabilità è necessario che esista un rapporto di causa ed effetto tra il fatto illecito e il danno.» Din hi l-hekk imsejħa "kawżalità tal-fatt" fis-sens illi mentri ta' l-ewwel tirreferi għar-rapport li jorbot il-kondotta ma' l-event dannuż, fit-tieni, din tistabilixxi rrilevanza ġuridika tal-konsegwenzi ekonomiċi sfavorevoli derivanti mill-fatt. In-ness hu allura dak l-istrument utilizzat biex jiġi imputat id-dannu f'min hu responsabbli, kif ukoll biex tiġi determinata l-konsegwenza tal-fatt dannuż riżarċibbli.»*

44. Din il-Qorti tqis li l-appellant m'għandux raġun. Fl-ewwel lok irriżulta li kien l-istess Pierre Cuschieri li ħa ħsieb l-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment hekk kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Fl-aħħar mill-aħħar l-appellant ma jsostnix mod ieħor. Mhux minnu li l-appellant ħa l-

prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex inċident bħal dak li ġara ma jseħħx. Pjuttost kien bil-maqlub u ħalla kollox għal riħu.

45. Il-fatt li ġab permess mill-Kummissarju tal-Pulizija u polza ta' assikurazzjoni ma jfissirx li b'daqshekk kien se jiġi evitat xi inċident. Mill-provi mressqa rriżulta li l-appellant talab li jkun hemm preżenti żewġ uffiċjali tal-pulizija, irriżulta wkoll li fuq naħa kien hemm *barriers* tal-konkrit u fuq naħa oħra *barriers* tal-plastik li kienu vojta u mhux mimlijin bl-ilma. Issa għalkemm l-appellant jgħid li dawn jintużaw filwaqt li jkun hemm it-tlielaq tal-karozzi, mill-banda l-oħra rriżulta *res ipsa loquitur* li dawn ma kinux biżżejjed biex iż-żiemel jieqaf mal-*barriers*. Dan hekk kif irriżulta mix-xhieda ta' Dylan Micallef[13], kif ukoll mill-investigazzjoni li saret mill-Pulizija[14]. Fejn tidħol is-sigurtà jkun aħjar li jittieħdu prekawzjonijiet li forsi jistgħu jitqiesu minn xi wħud li huma żejda u għalhekk kien ikun ferm aktar għaqli li l-*barriers* tal-plastik jimtlew bl-ilma.

46. Barra minn hekk, il-preżenza tal-Pulizija kienet għal bon ordni. Min-naħa l-oħra rriżulta li fil-post tal-inċident kien hemm ħafna dlam, tant li t-tiġrijiet kienu qegħdin isiru bid-dawl ta' *floodlight.* Mhux hekk biss iżda ntqal ukoll minn bosta xhieda li mhux soltu li tiġrijiet bħal dawk li kienu qegħdin isiru jsiru bil-lejl[15]. Fuq kollox irriżulta wkoll li ma kien hemm ebda

[13] Xhieda permezz ta' affidavit.
[14] Xhieda tal-Ispettur Kevin Pulis fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2018.
[15] Xhieda ta' Nathan Borg u Vincent Borg fl-affidavits tagħhom.

persuni li jżommu l-kontroll ta' fejn l-ispettaturi kellhom joqgħodu waqt it-tiġrijiet sabiex ma jkunx hemm inċidenti. Kif innutat tajjeb l-Ewwel Qorti xi nies qagħdu bilqiegħda fuq il-*barriers* tal-konkrit meta l-għan ta' dawn il-*barriers* kellu jkun biex jifred it-trakka fejn kienu ż-żwiemel minn man-nies. Anke l-kjosk li ntrema għall-bejgħ ta' ikel intrama f'punt li ħoloq periklu.

47. Irriżulta wkoll mix-xhieda[16] li lanqas kien qiegħed jingħata ċans bejn tiġrija u oħra, b'mod li tellieqa tkun bdiet waqt li l-bhejjem kienu għadhom fil-korsa. Dan il-fatt kompla ħoloq periklu u konfużjoni.

48. Kif diġà ngħad, l-appellant, anke wara li ma kienx hemm oppożizzjoni min-naħa l-oħra, esebixxa s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ħelsitu minn kull ħtija, liema sentenza għadha mhux finali billi sar appell minnha. Madankollu anke li kieku kienet ġudikat, dan il-fatt ma jfissirx li din il-Qorti hija marbuta b'dik il-konklużjoni.

49. Ta' rilevanza dwar dan il-punt hija s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Novembru, 2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Group 4 Securitas (Malta Limited) et v. Godfrey Lopez et*** [17]***:***

> *"dwar prova f'sede kriminali u sede ċivili, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Schembri v. Portelli*** *deċiża fil-31 ta' Mejju 2013 qalet hekk:*

[16] Dik ta' Nathan Borg u Vincent Borg.
[17] Mhux appellata.

> *"Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għal-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Briffa v. Abela****, deċiża fit-28 ta' Marzu 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esibizzjoni f'kawza ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju in sede penale jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża* ***Xuereb v. Micallef****, deċiża fis-26 ta' Novembru 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista* ***Laurent*** *fis-sens illi "si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale".*

*"Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ* ***Degabriele v. Montebello****, deċiża fit-28 ta' Jannar 2010, b'adeżjoni ta' ġurisprudenza anterjuri, qalet li*

> *"ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provediment kriminali", proprju għaliex fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għall-esibizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; dik il-Qorti enfasizzat, però, li dik hi biss waħda mill-provi li l-Qorti Ċivili trid tieħu in konsiderazzjoni (ara wkoll, fl-istess sens,* ***Pace v. Camilleri****, App 27/07/2007;* ***Caruana v. Ministeru tal-Ambjent et****, PA 07/07/2004;* ***Bugeja v. Coreschi****, App 30/04/2009).*
>
> *Kwantu għal grad tal-prova rikjesta fi proċeduri ċivili u proċeduri kriminali:*
>
>> *"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.*
>>
>> *U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġonevoli". (****Eucaristico Żammit v. Eustrachio Petrococchino****, App 25/02/1952);* ***Paul Vassallo v. Carmelo Pace,*** *App 05/03/1986).»*

50. Din il-Qorti ħadet kont tas-sentenza mogħtija fil-proċeduri kriminali iżda dan xejn ma jbiddel mill-konsiderazzjonijiet li diġà għamlet aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Mill-provi li kellha quddiemha din il-Qorti tqis li l-atturi rnexxilhom jippruvaw li l-appellant kien jaħti għal dak li ġara billi meta organizza l-attività ma qedix l-obbligu tiegħu sabiex is-sigurtà ta' kull min kien preżenti waqt l-attività tkun imħarsa. M'hemmx dubju li huwa

seta' jipprevedi li kien se jkun hemm diversi perikli għan-nies kollha li kienu se jkunu preżenti. Iżda huwa naqas li jieħu prekawzjonijiet minimi. Kulħadd tħalla jagħmel li jrid, tant li bosta xehdu li n-nies kienu anke bilqegħda fuq *barriers* meta dawn suppost kellhom jifirdu n-nies mit-trakka. Dan mhux il-mod ta' kif isiru l-affarijiet.

51. L-appellant mingħajr ħsara għall-argumenti tiegħu, tenna li jekk huwa jinstab li kellu xi tort, għandu jitqies li kien hemm kontributorjetà min-naħa tal-vittma. L-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu sostna li l-minuri għandha tinstab li kkontribwixxiet għall-inċident billi hija ma kinitx akkumpanjata mill-ġenituri tagħha u ma kinitx wara l-*barriers* iżda kienet kważi fit-trakka.

52. Jirriżulta li huwa minnu li l-minuri ma kinitx flimkien mal-ġenituri tagħha, madankollu rriżulta li hija kienet flimkien ma' adulti oħra li huma ħbieb tal-familja. B'hekk dan l-argument ma jreġix. Imbagħad, mill-provi li tressqu f'dawn il-proċeduri rriżulta li Shania Micallef kienet qiegħda wara l-*barriers* tal-plastik u mhux kif qiegħed isostni l-appellant. Ix-xhud Nathalie Borg xehdet li rat żiemel sfrattat għaddej jiġri qalb in-nies. Qalet li x'ħin rat iż-żiemel, dan ma kellux ġerrej fuq is-serkin, u kien qiegħed jiġri b'veloċità qawwija tant li baqa' dieħel ġon-nies.

53. Fl-aħħar mill-aħħar, jekk il-minuri kienet fit-trakka jew kważi fit-trakka hekk kif qiegħed isostni l-appellant, dan kieku stess aktar juri kemm ma kienx hemm organizzazzjoni tajba u ma kienx hemm ħarsien min-nies imqabbda għal dak il-għan mill-istess appellant sabiex kulħadd iħares ir-regoli u ħadd ma jkun fil-periklu.

54. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll billi mhux siewi.

55. L-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-Ewwel Qorti.

56. Għal dak li huma spejjeż, l-atturi fir-risposta tagħhom tennew li l-appellant għandu jiġi kkundannat iħallas spejjeż għal darbtejn. Din il-Qorti taqbel mal-appellati li dan l-appell huwa kemm fieragħ għaliex l-aggravji mressqa mill-appellant huma għalkollox ħżiena, kif ukoll vessatorju għaliex dan l-appell tressaq biss biex idewwem lill-appellati milli in rappreżentanza ta' binthom, din tieħu dak li ħaqqha. Jixraq għalhekk li l-appellant iħallas spejjeż għal darbtejn skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>**

l-appell ta' Pierre Cuschieri u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dana li huwa għandu jħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għal darbtejn minħabba li nstab li dawn il-proċeduri huma tabilħaqq fiergħa u vessatorji.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm